

Il-Ġurnal Uffiċjali C 162 A

tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 60

23 ta' Mejju 2017

Werrej

V Avviżi

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

Europol

2017/C 162 A/01

Avviż ta' post battal Europol/2017/TA/AD15/282 — Direttur Eżekuttiv tal-Europol 1

MT

V

(Avviżi)

PROCEDURE AMMINISTRATTIVI

EUROPOL

Avviż ta' post battal Europol/2017/TA/AD15/282 — Direttur Eżekuttiv tal-Europol

(2017/C 162 A/01)

1. Dwar l-Europol

L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) hija Aġenzija tal-Unjoni Ewropea (UE) li tinsab fl-Aja, in-Netherlands. L-Europol ġie stabbilit fl-1995 minn Konvenzjoni skont l-Artikolu K tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u ġie stabbilit bħala entità tal-Unjoni fl-2009 mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/371/ĠAI⁽¹⁾. Ir-Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽²⁾ jistabbilixxi lill-Europol bħala Aġenzija tal-UE.

L-obiettiv tal-Europol huwa li jappoġġja u jsaħħaħ l-azzjoni mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-kooperazzjoni reċiproka tagħhom fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità serja li taffettwa lil żewġ Stati Membri jew iktar, it-terroriżmu u forom oħra ta' kriminalità li jaffettwaw interess komuni kopert minn politika tal-Unjoni.

Sabiex jikseb din il-missjoni, bħalissal-Europol jimpjega 550 membru tal-persunal u għandu baġit ta' EUR 117-il miljun għas-sena 2017.

Il-kompiti ewlenin tal-Europol huma:

- li jiġbor, jaħżen, jipproċessa, janalizza u jiskambja informazzjoni, inkluż intelligence kriminali;
- li jinnotifika lill-Istati Membri mingħajr dewmien dwar kwalunkwe informazzjoni u konnessjoni bejn offiżi kriminali li jikkonċernawhom;
- li jikkoordina, jorganizza u jimplementa azzjonijiet investigattivi u operattivi sabiex jappoġġja u jsaħħaħ l-azzjonijiet mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri;
- li jipparteċipa fi skwadri ta' investigazzjoni konġunta, kif ukoll li jipproponi li dawn jiġu stabbiliti;
- li jipprovdi informazzjoni u appoġġ analitiku lill-Istati Membri b'rabta ma' avvenimenti internazzjonali maġġuri;
- li jipprepara valutazzjonijiet tat-theddid, analiżi strateġiċi u operattivi u rapporti tas-sitwazzjoni ġenerali;
- li jiżviluppa, jikkondividi u jippromwovi għarfien speċjalizzat ta' metodi għall-prevenzjoni tal-kriminalità, proċeduri investigattivi u metodi tekniċi u forensiċi, u li jipprovdi pariri lill-Istati Membri;
- li jappoġġja attivitajiet ta' skambju ta' informazzjoni transkonfinali, operazzjonijiet u investigazzjonijiet tal-Istati Membri, kif ukoll skwadri ta' investigazzjoni konġunta, inkluż billi jipprovdi appoġġ operattiv, tekniku u finanzjarju;

⁽¹⁾ ĠU L 121, 15.5.2009, p. 37.

⁽²⁾ ĠU L 135, 24.5.2016, p. 53.

- li jikkoopera mal-korpi rilevanti tal-Unjoni u mal-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF), b'mod partikolari permezz ta' skambji ta' informazzjoni u billi jipprovduhom appoġġ analitiku fl-oqsma li jaqgħu fi ħdan il-kompetenza tagħhom;
- li jipprovdi informazzjoni u appoġġ lil strutturi ta' ġestjoni tal-kriżijiet tal-UE u misjonijiet stabbiliti abbażi tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-objettivi tal-Europol;
- li jiżviluppa ċentri tal-Unjoni ta' għarfien speċjalizzati biex jiġġieled ċerti tipi ta' kriminalità li jaqgħu fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-objettivi tal-Europol;
- li jappoġġja l-azzjonijiet tal-Istati Membri biex jipprevjenu u jiġġieled forom ta' kriminalità li jiġu ffaċilitati, jiġu promossi jew jitwettqu bl-użu tal-Internet, inkluż f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, ir-riferimenti għall-kontenut fuq l-Internet.

Opportunità ndaq

L-Europol huwa impjegatur ta' opportunitajiet indaq u jinkoraġġixxi applikazzjonijiet mingħajr distinzjoni abbażi ta' sess, kulur, razza, oriġini etnika jew soċjali, fatturi ġenetiċi, lingwa, reliġjon jew twemmin, opinjoni politika jew kull opinjoni oħra, sħubija f'minoranza nazzjonali, proprjetà, twelid, diżabbiltà, nazzjonalità, età, orjentazzjoni sesswali jew identità sesswali.

Aħna għandha l-għan li noħolqu u nżommu ambjent tax-xogħol b'saħħtu u attraenti li jappoġġja nisa u rġiel fl-ippjanar tal-karriera tagħhom u biex jiksbu bilanċ b'saħħtu bejn il-ħajja tax-xogħol u l-ħajja privata.

2. *Sfond, skop ewlieni u kompiti tal-kariga*

Sfond

Id-Direttur Eżekuttiv għandu jimmaniġġja u jiżgura l-funzjonament effiċjenti ta' kuljum tal-Europol. Huwa jew hija għandu/ħa j/tkun r-rappreżentant legali tal-Aġenzija.

Id-Direttur Eżekuttiv għandu jaġti rendikont ta' għemilu lill-Bord ta' Amministrazzjoni (MB, Management Board). Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Bord ta' Amministrazzjoni, id-Direttur Eżekuttiv għandu jkun indipendenti fit-tweqqif ta' dmirijietu/dmirijietha u la għandu jfittex u lanqas jieħu struzzjonijiet minn kwalunkwe gvern jew minn kwalunkwe korp ieħor.

Id-Direttur Eżekuttiv għandu jipprovdi tmexxija u direzzjoni sabiex jiġu ssodisfati l-objettivi tal-Europol u għandu jkun responsabbli mill-implimentazzjoni tal-kompiti fdati lill-Europol.

Ir-responsabbiltajiet speċifiċi tad-Direttur Eżekuttiv jinkludu li:

- Jiżgura l-iżvilupp strateġiku tal-Europol bil-għan li jappoġġja kooperazzjoni fost l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi fl-Unjoni.
- Jiżgura l-operazzjoni tal-Europol f'konformità mal-objettivi u l-kompiti tiegħu kif stabbiliti fir-Regolament tal-Europol.
- Jipprepara dokumenti ta' baġits u ta' ppjanar sottomessi għad-deċiżjoni tal-Bord ta' Amministrazzjoni u jimplimenta l-ipprogrammar multiannwali u l-programmi ta' ħidma annwali tal-Europol u dokumenti ta' ppjanar oħrajn.
- Jimplimenta d-deċiżjonijiet adottati mill-Bord ta' Amministrazzjoni, jappoġġja l-President fil-preparazzjoni tal-laqgħat tal-Bord ta' Amministrazzjoni u jinforma lill-Bord ta' Amministrazzjoni fuq bażi regolari dwar l-implimentazzjoni tal-prijoritajiet strateġiċi u operattivi tal-Unjoni għall-ġlieda kontra l-kriminalità.
- Jipprepara l-abbozz tar-rapport konsolidat annwali dwar l-attivitajiet tal-Europol u jippreżentah lill-Bord ta' Amministrazzjoni għall-adozzjoni.
- Iżomm relazzjonijiet ta' kooperazzjoni ma' korpi tal-Unjoni, awtoritajiet ta' pajjiżi terzi, organizzazzjonijiet internazzjonali u partijiet privati oħrajn, sal-punt meħtieġ għall-kisba tal-kompiti tal-Europol.
- Jipprepara pjan ta' azzjoni li jsegwi l-konklużjonijiet tar-rapporti u l-evalwazzjonijiet tal-awditjar intern jew estern, kif ukoll rapporti u rakkomandazzjonijiet minn investigazzjonijiet mill-OLAF u l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (KEPD).

- Jipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Unjoni billi japplika miżuri għall-prevenzjoni tal-frodi, tal-korruzzjoni jew ta' kwalunkwe attività illegali oħra.
- Id-Direttur Eżekuttiv jista' jiġi mistieden mill-Kunsill biex jirrapporta dwar il-prestazzjoni tad-dmirijiet tiegħu/tagħha u għandu jidher quddiem il-Grupp ta' Skrutinju Parlamentari Konġunt (JPSG) biex jiddiskuti kwistjonijiet relatati mal-attivitàjiet tal-Europol. Hu jew hi għandu jkun soġġett għall-proċedura għal rilaxx annwali mill-Parlament Ewropew għall-implimentazzjoni tal-baġit.

3. **Rekwiżiti — Kriterji ta' eliġibbiltà**

a. **Il-kandidati jridu**

- Ikunu ċittadini ta' wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u jgawdu d-drittijiet sħaħ bħala ċittadini;
- Ikunu ssodisfaw l-obbligi kollha imposti mil-liġijiet applikabbli dwar is-servizz militari;
- Jipproduċu r-referenzi xierqa dwar il-karattru dwar l-adeqwatezza tagħhom għat-twettiq tad-dmirijiet;
- Ikunu fiżikament b'saħħithom biex iwettqu d-dmirijiet relatati mal-pożizzjoni (qabel il-ħatra l-kandidat li jintgħażel ser jiġi eżaminat medikament minn wieħed mill-uffiċjali mediċi tal-istituzzjoni sabiex l-istituzzjoni tkun tista' tkun sodisfatta li l-kandidat jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 12(2)(d) CEOS);
- Jipproduċu evidenza ta' għarfien tajjeb ħafna ta' waħda mil-lingwi tal-Unjoni u ta' għarfien sodisfaċenti ta' lingwa oħra tal-Unjoni sal-punt meħtieġ għat-twettiq tad-dmirijiet.

b. **Il-kandidati jrid ikollhom**

Livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji mitmuma attestat b'diploma fejn il-perjodu normali ta' edukazzjoni universitarja huwa ta' erba' snin jew aktar;

Barra minn dan ta' hawn fuq, tal-inqas **15-il** sena ta' esperjenza tax-xogħol professjonali rilevanti miksuba wara l-għoti tad-diploma.

4. **Rekwiżiti — Kriterji ta' għażla**

a. **Esperjenza professjonali:**

Essenzjali:

- Esperjenza professjonali sinifikanti fl-oqsma tal-infurzar tal-liġi u/jew tas-sigurtà interna fl-livelli strateġiċi u operattivi, miksuba f'kuntest nazzjonali u preferibbilment f'kuntest Ewropew u/jew internazzjonali. Idealment dan għandu jinkludi esperjenza diretta ta' kooperazzjoni tal-pulizija internazzjonali.
- Ħiliet ta' tmexxija bi prova fit-tmexxija ta' struttura organizzattiva kumplessa li tinvolvi membri tal-persunal u partijiet ikkonċernati sħab fl-livell eżekuttiv (minimu ta' 10 snin ta' esperjenza maniġerjali superjuri)
- Abbiltà bi prova biex imexxu u jimmotivaw tim kbir f'ambjent multikulturali u multinazzjonali, inkluż billi jipprovdu viżjoni strateġika u inizzjattiva.
- Evidenza ta' tmexxija ta' sforzi ta' innovazzjoni fil-qasam tal-infurzar tal-liġi.
- Ħiliet amministrattivi u ta' ġestjoni tajbin ħafna, b'mod partikolari esperjenza ta' ġestjoni baġitarja, finanzjarja u tar-riżorsi umani f'kuntest nazzjonali, Ewropew u/jew internazzjonali.

b. **Għarfien professjonali:**

Essenzjali:

- Fehim tajjeb ħafna ta' kooperazzjoni tal-pulizija internazzjonali fl-livell ta' ġestjoni superjuri.
- Fehim strateġiku ta' theddidiet għas-sigurtà interna fl-Ewropa u l-qafas istituzzjonali u operattiv disponibbli fl-UE għall-mitigazzjoni tagħhom.
- Fehim eċċellenti tal-interazzjoni bejn amministrazzjonijiet nazzjonali u istituzzjonijiet tal-UE, inkluż għarfien eċċellenti tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar kwistjonijiet ta' sigurtà interna.

- Fehim ċar ta' kwistjonijiet ta' teknoloġija relatati mas-sigurtà interna u l-kooperazzjoni tal-infurzar tal-liġi, inkluż għarfien fil-qasam tal-iskambju ta' informazzjoni u l-protezzjoni tad-data.

c. Ħiliet u kompetenzi ta' tmexxija:

- Żvilupp ta' viżjoni u strateġija — żvilupp ta' missjoni, viżjoni u strateġija konvinċenti li għandha impatt f'nofs terminu u fit-tul u li tista' tinftiehem u tiġi aċċettata mill-persunal bħala waħda importanti għax-xogħol tagħhom ta' kuljum.
- Xprunar ta' prestazzjoni — implimentazzjoni b'mod proattiv u enerġetiku tal-missjoni, tal-viżjoni u tal-istrateġija tal-Europol b'tali mod li l-Europol jissodisfa l-oġettivi organizzattivi tiegħu.
- Intrapriża — l-identifikazzjoni u r-rikonoxximent ta' opportunitajiet għall-innovazzjoni li jsaħħu r-rilevanza tal-Europol bħala attur ewlieni fil-qasam tiegħu.
- Netwerking — stabbiliment ta' relazzjonijiet effettivi fi ħdan il-Europol u l-bini ta' alleanzi strateġiċi mal-ambjent estern.
- Ġestjoni tan-negozju — wirja ta' fehim fil-fond tan-negozju u t-teħid tal-impenn sabiex jaġixxi fuq dan l-għarfien biex jiżgura eċċellenza operattiva.
- Ispirazzjoni tan-nies — ispirazzjoni ta' motivazzjoni fit-tul u lealtà organizzattiva billi jaġixxi bħala mudell u billi jikkonforma mal-missjoni u l-valuri tal-organizzazzjoni.

d. Kompetenzi ġenerali:

Komunikazzjoni:

- Ħiliet ta' komunikazzjoni eċċellenti bl-Ingliż, kemm mitkellem kif ukoll miktub.
- Ħiliet ta' preżentazzjoni eċċellenti, adattament tal-influwenza tal-partijiet ikkonċernati f'ambjenti ta' infurzar tal-liġi, tal-gvern, politiċi u tal-midja.

Analiżi u solvieni tal-problemi:

- Ħiliet analitiċi, organizzattivi u ta' teħid tad-deċiżjonijiet eċċellenti inkluż l-abbiltà li jiġu stabbiliti prijoritajiet ċari.
- Abbiltà eċċellenti ta' żvilupp u żamma ta' relazzjonijiet ta' ħidma effettivi ma' medda wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati interni u esterni u sabiex jifhem dinamiċi organizzattivi.

Provediment ta' kwalità u riżultati:

- Ikollu grad għoli ta' integrità u kredibbiltà professjonali.
- Ikollu l-abbiltà li jsarraf l-istrateġija fi prattika.
- Ikun prattiku u orjentat lejn ir-riżultati b'ħiliet ta' teħid tad-deċiżjonijiet eċċellenti.

Prijoritizzazzjoni u organizzazzjoni:

- Juri fehim strateġiku, juri l-firxa tal-viżjoni, l-abbiltà li jifhem kwistjonijiet kritiċi malajr u jkun kapaċi japplika viżjoni strateġika.

Reżiljenza:

- Abbiltà eċċellenti ta' żvilupp u żamma ta' relazzjonijiet ta' ħidma effettivi ma' medda wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati interni u esterni u sabiex jifhem dinamiċi organizzattivi.
- Abbiltà li jaħdem b'mod reżistenti għall-istress, iffukat u bbilanċjat.

Għajxien ta' diversità:

- Abbiltà li jstabbilixxi u jżomm relazzjonijiet ta' ħidma effettivi ma' kollegi f'ambjent ta' ħidma internazzjonali u multidixiplinarju.

5. *Proċedura tal-għażla*

Il-qafas legali ta' din il-proċedura ta' reklutaġġ huwa previst mir-Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol)⁽³⁾, ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u l-Kondizzjonijiet tal-Impjeg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea, kif stipulati mir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68⁽⁴⁾ u kif emendati l-aħħar mir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1023/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽⁵⁾, u d-Deċiżjoni tal-Bord ta' Amministrazzjoni tal-1 ta' Mejju 2017 li tadotta r-Regoli għall-għażla, l-estensjoni tal-mandat u t-tneħħija mill-uffiċċju tad-Direttur Eżekuttiv u d-Deputati Diretturi Eżekuttivi.

Il-Bord ta' Amministrazzjoni għandu jstabbilixxi kumitat ta' għażla kompost minn rappreżentant tal-Kummissjoni u sitt membri li jirrappreżentaw lill-Istati Membri, li għandu jiġi ddetminat minn tliet bix-xorti mill-Bord ta' Amministrazzjoni.

Il-kumitat ta' għażla għandu:

- jidentifika l-kandidati kollha li, abbażi tal-kriterji stabbiliti fl-avviż tal-post battal, huma eliġibbli għall-kariga;
- jagħmel valutazzjoni inizjali tal-applikazzjonijiet ta' kandidati eliġibbli li tikkunsidra l-kwalifiki professjonali, il-ħiliet, l-esperjenza u r-referenzi ta' karattru tagħhom sabiex ikun deċiż liema minnhom għandhom jiġu vvalutati aktar mill-Kumitat;
- jivvaluta l-kompetenzi u l-ħiliet speċifiċi tal-kandidati; il-kumitat ta' għażla se jistieden l-aktar 5 kandidati li jkunu għadu punti (magħżula); il-kandidati kollha li jkollhom punteġġ indaqs sal-5 kandidat li jgħib l-aktar punteġġi se jiġu inklużi fil-lista tal-kandidati mistiedna.
- Jistieden lill-applikanti magħżula biex jipparteċipaw fi proċedura tal-għażla relatata mal-kariga, ġeneralment li tinkludi intervista bbażata fuq il-kompetenzi;
- ifassal rapport irraġunat kif xieraq dwar l-applikazzjonijiet li jkunu waslu u l-proċedura segwita, li għandu jinkludi l-lista tal-kandidati eliġibbli li jindika fosthom dawk intervistati mill-kumitat u lista ta' kandidati, li jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà kollha u li huma kkunsidrati li jissodisfaw l-aktar il-kriterji ta' għażla stabbiliti fl-avviż ta' post battal.

L-applikanti magħżula għandhom jgħaddu minn valutazzjoni minn ċentru tal-valutazzjoni estern li se jipprovi parir oġġettiv lill-Kumitat ta' Għażla. Il-valutazzjoni għandha tikkunsidra l-karatteristiċi tal-infurzar tal-liġi tal-pożizzjoni. Iċ-ċentru tal-valutazzjoni għandu jaħdem biex tiġi stabbilita valutazzjoni f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kumitat ta' Għażla.

Il-Bord ta' Amministrazzjoni jista' jiddeċiedi li jintervista lill-kandidati fuq il-lista tal-kumitat ta' għażla u kwalunkwe kandidat ieħor eliġibbli intervistat minnu.

Abbażi tar-rapport sottomess mill-kumitat ta' għażla, il-Bord ta' Amministrazzjoni għandu jadotta opinjoni rraġunata:

- li tippreżenta l-lista ta' kandidati eliġibbli,
- li tistabbilixxi lista qasira ta' kandidati xierqa kklassifikati fl-ordni skont il-mertu, u
- li tikkonferma li l-applikanti fuq il-lista qasira jissodisfaw il-kondizzjonijiet rilevanti tal-impjeg u l-kriterji ta' eliġibbiltà stabbiliti fl-avviż ta' post battal, minkejja d-dispożizzjonijiet speċifiċi previsti fl-Artikolu 13 tal-Kondizzjonijiet tal-Impjeg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra dwar l-eżami mediku.

Il-President tal-Bord ta' Amministrazzjoni għandu jressaq l-opinjoni rraġunata, inkluż il-lista qasira proposta ta' kandidati u l-fajl ta' applikazzjoni komplut ta' kull kandidat magħżul, lill-Kunsill sabiex jippermetti lil dan tal-aħħar jieħu d-deċiżjoni tiegħu kif previst fl-Artikolu 54(2) tar-Regolament tal-Europol.

Qabel il-ħatra, il-kandidat magħżul mill-Kunsill jista' jiġi mistieden biex jidher quddiem il-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew, li sussegwentament għandu jagħti opinjoni mhux vinkolanti.

Il-kandidati kollha li jattendu għall-proċedura tal-għażla se jiġu infurmati bir-riżultat.

Il-kandidati li jkunu attendew proċedura tal-għażla jistgħu jitolbu feedback dwar il-prestazzjoni tagħhom fi żmien tliet xhur wara l-proċedura tal-għażla. L-Europol mhux se jkun f'pożizzjoni li jirrispondi għall-mistoqsijiet ta' feedback li jiġu riċevuti barra minn dan iż-żmien.

⁽³⁾ ĠU L 135, 24.5.2016, p. 53

⁽⁴⁾ ĠU L 56, 4.3.1968, p. 1.

⁽⁵⁾ ĠU L 287, 29.10.2013, p. 15

Ix-xogħol u d-deliberazzjonijiet tal-Kumitat ta' Għażla huma kunfidenzjali. Huwa pprojbit li kandidati jagħmlu kuntatt dirett jew indirett mal-membri tal-Kumitat ta' Għażla, jew li xi ħadd jagħmel dan fisimhom. Il-mistoqsijiet jew it-talbiet kollha għal informazzjoni jew dokumentazzjoni frabta mal-kompetizzjoni jenħtieġ li jiġu indirizzati lill-Uffiċċju ta' Reklutaġġ tal-Europol.

6. Salarju

Skala: AD15

Is-salarju fix-xahar bażiku hu EUR **15 435,00** (stadju 1) jew EUR **16 083,60** (stadju 2).

L-istadju fil-grad huwa ddeterminat abbażi tal-esperjenza professjonali miksuba wara l-edukazzjoni meħtieġa għall-kariga u f'konformità mar-regoli ta' implimentazzjoni applikabbli.

Barra minn hekk, jekk ikun applikabbli, jistgħu jingħataw gratifiki bħal gratifika ta' espatrijazzjoni, gratifika tal-familja, gratifika għat-tfal dipendenti u l-edukazzjoni.

L-Europol joffri pakkett ta' benesseri soċjali komprensiv li fih benefiċċji addizzjonali bħal assigurazzjoni medika, gratifika għall-qgħad u għal invalidità kif ukoll skema tal-pensjoni.

Is-salarji huma soġġetti għat-taxxa komunitarja iżda huma eżenti mit-taxxa nazzjonali.

7. Termini u kundizzjonijiet

Perjodu ta' prova

L-impjieg għal din il-pożizzjoni huwa soġġett għat-tlestija b'suċċess ta' perjodu ta' prova ta' 9 xhur. Fi żmien dan il-perjodu l-kandidat li jintgħażel se jkollu jgħaddi minn skrinjar tas-sigurtà relatat mal-kariga.

Il-kuntratt tal-impjieg jista' jiġi tterminat matul jew fl-aħħar tal-perjodu ta' prova f'konformità mal-Artikolu 14 tas-CEOS.

Skrinjar tas-sigurtà u ċertifikat ta' kondotta tajba

Il-kandidati kollha li jgħaddu b'suċċess mill-proċedura tal-għażla huma meħtieġa li japplikaw għal "ċertifikat ta' kondotta tajba" nazzjonali fi żmien li ssir l-offerta għall-impjieg. Iċ-ċertifikat ta' kondotta tajba irid jiġi pprovdut lill-Europol qabel jiġi ffirmat il-kuntratt ta' impjieg. F'każ ta' noti mhux favorevoli fiċ-ċertifikat ta' kondotta tajba l-Europol jirriserva d-dritt li ma jagħtix kuntratt ta' impjieg.

Madankollu, iċ-ċertifikat nazzjonali ta' kondotta tajba ma jissostitwixxi Ċertifikat ta' Approvazzjoni tas-Sigurtà Personali (PSCC, Personal Security Clearance Certificate) sħiħ u validu li jrid jinkiseb għall-persunal kollu tal-Europol fil-livell indikat fid-Deskrizzjoni tal-Impjieg. PSCC huwa ċertifikat maħruġ minn awtorità kompetenti li tistabbilixxi li individwu huwa approvat f'termini ta' sigurtà. Dan fih: il-livell ta' approvazzjoni, id-data tal-ħruġ u d-data tal-iskadenza. Jekk ma jinkisbx ir-reqwiżit tal-approvazzjoni tas-sigurtà qabel l-iskadenza tal-perjodu ta' prova, dan jista' jwassal għat-terminazzjoni tal-kuntratt ta' impjieg.

Il-livell meħtieġ għall-Approvazzjoni tas-Sigurtà ta' din il-kariga huwa: **SIGRIET UE/UE SIGRIET**.

Kuntratt ta' impjieg

Il-kandidat li jintgħażel għandu jinħatar mill-Kunsill u għandu jiġi impjegat bħala aġent temporanju tal-Europol għal perjodu ta' erba' snin li jiġġedded darba.

Il-kuntratt kurrenti tal-membri tal-persunal tal-Europol se jiġi kkunsidrat jekk dawn jintgħażlu fil-proċedura tal-għażla.

Il-post tal-impjieg se jkun l-Aja, in-Netherlands.

Għal aktar informazzjoni dwar it-termini u l-kundizzjonijiet jekk jogħġbok ikkonsulta r-Regolamenti tal-Persunal tal-KE li huma disponibbli fuq is-sit web tal-Europol www.europol.europa.eu

8. Informazzjoni addizzjonali

PROTEZZJONI TAD-DATA

Id-data sottomessa tiġi pproċessata sabiex tiġi vvalutata l-adegwatezza tal-kandidati għal pożizzjoni mal-Europol. Id-data personali kollha miġbura għall-iskop tal-proċedura tal-għażla se tintuża biss f'dan il-kuntest speċifiku u mhijiex se tiġi żvelata lil xi parti terza.

Kwalunkwe data pprovduta se tiġi ttrattata b'kunfidenza stretta u f'konformità sħiħa mar-regoli kollha dwar il-protezzjoni tad-data applikabbli. Il-bażijiet legali għall-ipproċessar tad-data personali huma r-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u l-Kondizzjonijiet tal-Impjeg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea (Titolu III Kapitolu 1) u r-regoli ta' implimentazzjoni tagħhom.

Id-dokumenti kollha pprovduti lill-Europol se jinżammu fil-fajls tal-Europol u mhux se jerġgħu jingħataw lill-kandidat. L-applikazzjonijiet tal-kandidati mhux reklutati se jinżammu għal massimu ta' seba' snin. Id-data ta' applikanti mhux reklutati fuq il-lista ta' riserva għall-ħatra se jinżammu għal massimu ta' ħames snin wara l-iskadenza tal-lista ta' riserva. Id-data tal-kandidati reklutati se tiġi ttrasferita fil-fajl personali tagħhom. Il-Maniġer tan-Negożju tar-Riżorsi Umani huwa responsabbli mill-operazzjoni tal-ipproċessar tad-data.

Il-kandidati għandhom id-dritt għall-aċċess, li jirrettifikaw, jimblokkaw u jħassru d-data personali tagħhom f'konformità mar-regoli applikabbli dwar il-protezzjoni tad-data. Il-kandidati għandhom dritt ta' rikors għall-Uffiċċju tal-Protezzjoni tad-Data tal-Europol (Uffiċċju tal-Protezzjoni tad-Data — Kaxxa Postali 90850, 2509 LW L-Aja, in-Netherlands) u l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (www.edps.europa.eu).

DATI EWLENIN

Data ta' skadenza għall-applikazzjoni: **4.7.2017, 23:59 (ħin tas-sajf tal-Ewropa Ċentrali)**

Il-proċedura tar-reklutaġġ: it-3 – ir-4 trimestru tal-2017

Data tal-bidu tal-impjeg: fl-1 ta' Mejju 2018

PROĊESS TAL-APPLIKAZZJONI U PROĊEDURA TAL-GĦAŻLA

Sakemm dawn ma jinbidlux mid-dispożizzjonijiet speċifiċi previsti fir-Regoli għall-għażla, l-estensjoni tal-mandat u t-tneħħija mill-uffiċċju tad-Direttur Eżekuttiv u d-Deputat Direttur Eżekuttiv, jekk jogħġbok irreferi għall-LINJI GWIDA TAR-REKLUTAĠĠ TAL-EUROPOL disponibbli fuq is-sit web tal-Europol www.europol.europa.eu għal aktar dettalji dwar il-proċess tal-applikazzjoni u l-proċedura tal-għażla.

DETTALJI TA' KUNTATT

Għal aktar dettalji dwar il-proċess tal-applikazzjoni jekk jogħġbok ikkuntattja mbs@europol.europa.eu

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT